

Brussell, 2 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13508/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0306 (NLE)

ACP 93
FIN 1143
PTOM 18

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 569 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond li jispeċifika l-limitu massimu għall-2027, l-ammont annwali għall-2026, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2026 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2028 u 2029

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 569 final.

Mehmuż: COM(2025) 569 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.10.2025
COM(2025) 569 final

2025/0306 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond
Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond li jispeċifika l-limitu
massimu għall-2027, l-ammont annwali għall-2026, l-ammont tal-ewwel pagament
parzjali għall-2026 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali
mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2028 u 2029**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-proposta tkopri:

- L-ammont tal-limitu massimu tal-kontribuzzjonijiet għas-sena 2027;
- L-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet għas-sena 2026;
- L-ammont tal-ewwel pagament parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2026;
- Previżjoni mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija tal-kontribuzzjonijiet għas-snin 2028 u 2029.

Il-11-il FEŻ u fondi FEŻ oħra li għadhom miftuħin (id-9 u l-10 FEŻ) huma ġestiti skont il-ġabra ta' regoli li ġejja:

1. Il-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁽¹⁾ (il-"Ftehim Intern" tal-11-il FEŻ);
2. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp⁽²⁾ ("ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ");
3. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2233 dwar l-impenn tal-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP minn operazzjonijiet taħt id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp⁽³⁾;
4. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1223 dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna⁽⁴⁾.

Id-dokumenti msemmija fil-punti minn (a) sa (d) fihom l-impenji pluriennali mill-partijiet biex jappoġġaw f'livell finanzjarju lit-teżor tal-FEŻ. Ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ jipprevedi li jsiru kontribuzzjonijiet regolari mill-partijiet lit-teżor tal-FEŻ skont impenji finanzjarji determinati minn qabel. Il-kontribuzzjonijiet regolari jiskattaw minn Deċiżjonijiet tekniċi tal-Kunsill li jirriflettu l-implimentazzjoni ta' impenji finanzjarji deċiżi minn qabel.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat

Mhux applikabbli

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Mhux applikabbli

⁽¹⁾ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1

⁽²⁾ ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1-21

⁽³⁾ ĠU L 437, 28.12.2020, p.188-191

⁽⁴⁾ ĠU L 188, 15.7.2022, p. 147

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

F'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, il-Kunsill irid jiddeċiedi dwar din il-proposta sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru 2025.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli

- **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli

- **Għażla tal-istrument**

Mhux applikabbli

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond li jispeċifika l-limitu massimu għall-2027, l-ammont annwali għall-2026, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2026 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2028 u 2029

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 1 tal-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, qed jiġi stabbilit il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni għal kull parti tal-FEŻ għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)⁽³⁾.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investiment ("BEI") għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-istimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti taħt l-istrumenti li jimmaniġġa.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ottubru 2025 li tispeċifika l-ammont tal-limitu massimu tal-kontribuzzjoni għall-2027, l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni għall-2026, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2026 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija tal-kontribuzzjonijiet għas-snin 2028 u 2029.
- (4) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jużaw l-ammonti previsti fil-Fondi Ewropej

⁽¹⁾ ĠU L 210, 6.8.2013, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/tfeu_2016/oj.

⁽²⁾ ĠU L 307, 3.12.2018, p.1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1877/oj>.

⁽³⁾ ĠU L 210, 6.8.2013, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/tfeu_2016/oj.

għall-Iżvilupp (“FEŻ”) preċedenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi għall-BEI u għall-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1877.

- (5) Skont l-Artikolu 152 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-“Ftehim dwar il-ħruġ”), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq (“ir-Renju Unit”) jibqa’ Parti għall-FEŻ sal-għeluq tal-11-il FEŻ u ta’ kull FEŻ preċedenti li għadu mhux magħluq. Madankollu, skont l-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, is-sehem tar-Renju Unit f’fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-11-il FEŻ, meta dawn il-fondi jkunu ġew diżimpenjati wara l-31 ta’ Diċembru 2020, jew Fondi Ewropej għall-Iżvilupp preċedenti, ma għandux jintuża mill-ġdid.
- (6) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2906⁽⁴⁾ tistabbilixxi l-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-partijiet għall-FEŻ għall-2026 għal EUR 700 000 000 għall-Kummissjoni biss peress li l-BEI talab is-sehem tiegħu mill-11-il FEŻ fl-2025.
- (7) Sabiex il-miżuri stipulati f’din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati minnufih, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-2027 huwa b’dan stabbilit għal EUR 460 000 000 għall-Kummissjoni.

Artikolu 2

L-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-2026 huwa b’dan stabbilit għal EUR 700 000 000 għall-Kummissjoni.

Artikolu 3

L-ammont tal-kontribuzzjonijiet li għandu jitħallas mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bħala l-ewwel pagament parzjali għall-2026 huwa b’dan stabbilit għal EUR 300 000 000.

Artikolu 4

L-ammont ta’ EUR 1 200 000 minn fondi mhux impenjati jew diżimpenjati mill-proġetti fl-ambitu tad-9 FEŻ għandu jiġi rimborżat permezz ta’ tnaqqis fil-pagament tal-ewwel pagament parzjali għall-2026 stipulat fl-Artikolu 3.

Artikolu 5

Il-previżjoni indikattiva mhux vinkolanti għall-ammont annwali mistenni ta’ kontribuzzjonijiet għall-2028 hija b’dan stabbilita għal EUR 400 000 000 għall-Kummissjoni.

⁽⁴⁾ ĠU L, 2024/2906, 19.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2906/oj>.

Il-previżjoni indikattiva mhux vinkolanti għall-ammont annwali mistenni ta' kontribuzzjonijiet għall-2029 hija b'dan stabbilita għal EUR 300 000 000 għall-Kummissjoni.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President
[...]